MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 580/2005

**Rikors numru 580/05 JAB**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 2524/05 fl-ismijiet:-**

**APS Bank Limited**
**numru ta' registrazzjoni C 2192**

**Vs**

**Richard u Tania konjugi Attard, (karti ta' l-Identita' bin-numri 284453M u 106362M rispettivament) u Herman u Isabelle konjugi Depasquale (Karti ta' l-Identita bin-numri 168068M u 42170M rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li permezz tieghu, ir-rikorrenti, wara li ppremettew illi permezz ta’ zewg ittri ufficjali pprezentati fil-5 ta’ Ottubru, 2005, a tenur ta’ l-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta numri rispettivi 8464/05 u 8466/05, is-socjeta’ APS Bank Limited talbet il-hlas ta’ tmien mija tnejn u sebghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm872.11) rapprezentanti bilanc ta’ debitu u dan flimkien ma’ l-imghax relattiv.

Illi sussegwentement fil-23 ta’ Novembru 2005, l-imsemmija socjeta’ hawn intimata ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 2524/05 kontra r-rikorrenti.

Illi skond is-subart. 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrexxindi u tiddikjara nulla u bla effett dawk l-imsemmija ittri ufficjali numri rispettivi 8464/05 u 8466/05 bhala titoli ezekuttivi kontra r-rikorrenti, u dan stante li ma fihomx ir-rekwiziti necessarji skond is-subartikolu 166A(3) ta’ dak il-Kap. u cioe’ *‘intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta’ dik l-ittra uficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista’ tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta’ firma ta’ Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixi titolu ezekuttiv’.*

Illi inotlre l-ittra ufficjali numru 8464/05 ipprezentata kontra r-rikorrenti Richard Attard u martu Tania Attard, ma gietx notifikata lill-istess rikorrent Richard Attard skond il-ligi fl-indirizz tieghu hawn isfel indikat, il-konjugi Attard illum huma legalment separati, u dan kif jirrizulta mill-kopja ta’ l-att ta’ separazzjoni anness mar-rikors bhala Dok A, liema dokument kien inghata wkoll lis-socjeta’ ntimata ghall-ahjar informazzjoni taghha, flimkien ma’ l-indirizz gdid tar-rikorrent Richard Attard.

Talbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrexxindi u tiddikjara nulli u bla effett l-ittra ufficjali numru 8464/05 fl-ismijiet *APS Bank Limited, numru ta’ registrazzjoni C 2192 vs Richard u Tania konjugi Attard,*

*Karti ta' l-Identita' numru 284453M u 106362M rispettivament* u dik numru 8466/05, fl-ismijiet *APS Bank Limited numru ta' registrazzjoni C2192 vs Herman u Isabelle konjugi Depasquale, karti ta' l-identita' numru 168068M u 42170M rispettivament,* u b'hekk wkoll tordna l-hrug ta' l-opportun kontro-mandat, bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata.

Rat l-att pubbliku in vera kopja anness mal-istess rikors publikat fl-5 ta' Awissu 2005 u li permezz tieghu ir-rikorrenti konjugi Attard isseparaw legalment bejniethom (fol 4 sa fol 9 tal-atti).

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata (fol 13 u fol 14 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi qabel xejn, irid jinghad illi sabiex l-intimati jitolbu r-rexissjoni u n-nullita' ta' l-ittri ufficjali bin-numri 8464/05 u 8466/05 rispettivament ai termini ta' l-Artikolu 166A (5), tali talba kellha ssir fl-atti ta' l-istess ittri ufficjali u mhux fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv hawn fuq imsemmi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u kuntrarjament ghal dak espost mill-intimat, fl-imsemmija ittri ufficjali jinsab imnizzel car illi jekk l-intimati ma jwiegbux ghal tali ittri fi zmien tletin (30) gurnata, dawn isiru titolu ezekuttiv, u li ghalhekk huwa fl-interess taghhom li jkellmu avukat jew prokuratur legali, izda nonostante dan l-intimati naqqsu milli jwiegbu ghal tali ittra kif lilhom avzat, u ghalhekk, it-talba tal-intimati ghar-rexissjoni u n-nullita' ta' l-imsemmija ittri ufficjali hija biss skuza ghan-negligenza u t-traskuragni da parti taghhom milli jwiegbu tali ittri kif kellhom l-opportunita' jaghmlu;

Illi inoltre, fl-imsemmija ittri ufficjali tinsab referenza cara illi tali ittri qed isiru ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bl-adozzjoni tal-procedura kontempalata fl-istess Artikolu fil-konfront taghhom;

Illi l-imsemmija ittri ufficjali gew debitament notifikati lill-intimati rispettivi, inkluz l-intimat Richard Attard, fit-tmienja

(8) ta’ Ottubru 2005 kif jirrizulta mir-referti relattivi fl-atti ta’ l-ittri ufficjali.

Illi m’huwiex minnu illi l-intimat Richard Attard informa lis-socjeta’ rikorrenti bil-fatt illi kien legalment separat, u wisq anqas illi nnotifikom b’xi indirizz gdid;

Illi nonostante li gew debitament notifikati t-tnejn ma kien hemm l-ebda risposta da parti ta’ l-intimati Richard u Tania konjugi Attard;

Illi in oltre l-intimati Herman u Isabelle konjugi Depasquale prezentaw nota risponsiva fl-atti ta’ l-ittra ufficjali 8466/05, izda tali risposta giet ipprezentata fid-disgha (9) ta’ Novembru 2005, u ghalhekk fuori terminu;

Ili ghalhekk gie pprezentat il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv bin-numru 2524/05 kontra l-intimati fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru 2005, skond kif kontemplat fil-ligi;

L-esponenti talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta’ l-intimati u b’dan illi jibqa’ fis-sehh il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv bin-numru 2524/05 kontra l-intimati, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti in esami huma kif ser jinghad:-

a) In rigward ir-rikorrenti Herman u Isabelle konjugi Depasquale, permezz ta’ ittra ufficjali numru 8466/05 in atti a fol 91 presentanta fil-5 ta’ Ottubru 2005 fil-konfront taghhom a basi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan jikkontendu illi din l-ittra ufficjali ghanda tigi dikjarata nulla u bla effett stante li ma fihiex ir-rekwiziti skond l-artikolu 166A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta specifikatament l-intimazzjoni lill-persuna jew persuni

interpellati sabiex jhallsu, illi "… jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum minn mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jippresenta nota fl-atti … li fiha tigi respinta t-talba u li tista tigi ffirmata u ppresentata fil-Qorti mid-debitur stess …., dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu esekuttiv". Dwar l-istess ittra ufficjali, notifikata lir-rikorrenti imsemmija fit-8 ta' Ottubru 2005, jidher minnha stess illi "Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem Avukat jew Prokuratur Legali". Sussegwentement u filfatt, il-konjugi Depasquale kienu, permezz ta' nota li kopja taghha tinsab a fol 94 u li giet presentata fit-18 ta' Novembru 2005, ikkontestaw dak li kien pretiz minnhom fl-istess ittra ufficjali. Minn dan jidher evidenti illi l-imsemmija nota kienet giet presentata wara li skadew it-tletin (30) jum kontemplati fl-istess artikolu 166A gja imsemmi u dan minn notifika lilhom tal-istess ittra ufficjali. Dwar dak li qed jsostni l-istess konjugi Depasquale in konnessjoni man-nullita o meno tal-istess ittra ufficjali, il-Qorti tara illi fl-ittra ufficjali kontestata hemm imnizzla, fis-sustanza, l-intimazzjoni in esami. Dwar dan il-punt, fil-fehma ta' din il-Qorti hu sufficjenti illi l-interpellat jew interpellati jkunu konsapevoli, permezz tal-istess intimazzjoni illi l-ittra ufficjali, mibghuta a basi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 citat tista' tammonta ghal titolu ezekuttiv f'kaz li l-istess interpellat jew interpellati ma jwiegbux fi zmien tletin (30) jum. Dan jidher li sar fil-kaz in esami kif jidher mill-ittra ufficjali esebita in atti fis-16 ta' Frar 2007. Ghandu jissemma ukoll li fl-ittra ufficjali, jinghad li hu fl-interess tal-interpellati sabiex jikkonsultaw ruhhom ma' Avukat jew Prokuratur Legali.

Illi, fil-kaz tal-ittra ufficjali mibghuta u notifikata lill-konjugi Depasquale, ma jidhirx illi saret din it-twegiba fil-kaz tal-konjugi Depasquale u ghalhekk l-ittra ufficjali, kontestata minnhom ghandha tigi konsiderata bhala titolu esekuttiv ghal kull effett u fini fil-ligi.

Illi fil-kaz tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konjugi Attard, dak li ghadu kemm inghad jghodd ukoll in rigward din l-ittra. Pero', f'dan il-kaz, ir-rikorrenti Richard Attard qed

jikkontesta n-notifika taghha lilu. Mill-atti tal-istess ittra (fol 19 u fol 20) jidher li Richard Attard kien gie notifikat fl-indirizz “51, Triq Gorg Borg Oliver, San Giljan” flimkien ma martu, Tania Attard. Izda mill-provi prodotti jirrisulta li l-konjugi Attard huma separati “ex lege” u dan kif jidher mill-kuntratt ta’ separazzjoni esebit in atti a fol 4 u publikat fil-5 ta’ Awissu 2005 u kif xehed l-istess Richard Attard, hu kien mar sabiex jirrisjedi f’post iehor f’Hal Gharghur. Dwar din l-ittra hu xehed testwalment illi “din giet notifikata fid-dar fejn kont noqghod ma marti” u “… ircevietha marti stess … u inghatat lili mit-tfal xi xahar wara li rcevitha l-mara”. Inoltre hu jsostni li kien informaha lill-Bank inovlut bil-bdil ta’ residenza da parti tieghu. Dan tal-ahhar kontestat mill-istess Bank (ara x-xhieda ta’ Cheryl Ciappara a fol 33 ibid). In rigward l-istess notifika tista’ ssir ukoll, referenza ghax-xhieda ta’ Tania Attard (a fol 44 u fol 45 ibid) u ta’ Pippa Attard, bint il-konjugi Attard (a fol 87 u fol 88 ibid) li tirresjedi flimkien ma ommha fl-indirizz ta’ San Giljan. Din tal-ahhar ikkonfermat ili hi kienet giet notifikata bl-ittra in kwistjoni izda kienet “… zgur illi missieri, ha l-ittra probabilment xhur wara li rcevejniha ….. “. Jigi notat, fl-ahhar nett, illi in rigward l-ittra ufficjali in esami indirizzata lil konjugi Attard, kienet saret twegiba a basi tal-artikolu 166A citat izda l-istess twegiba, b’nota kienet saret tardivament wara li skadew it-tletin (30) jum disponibbli ghall-istess risposta.

Illi dwar l-ittra ufficjali mibghuta lil Richard Attard il-Qorti tara li n-notifika taghha ma saritx skond kif hemm mnizzel fl-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Difatti irrizulta li n-notifika ma saritx lil Richard Attard “.. fil-lok fejn joqghod”. Inoltre hemm probabilta kbira li l-istess ittra ingiebet a konjizzoni tieghu wara li kienu skadew it-tletin (30) jum hawn fuq imsemmija. Ghalhekk il-Qorti tara’ li din l-ittra ufficjali ma gietx notifikata skond il-ligi u b’hekk ma tistax tikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, in konklusjoni, il-Qorti tirritjeni illi l-ittri ufficjali in esami saru titolu ezekuttiv fil-konfront ta’ Tania Attard u l-konjugi

Depasquale waqt li l-ittra ufficjali mibghuta lil Richard Attard ghandha tigi ritenuta valida fil-ligi izda n-notifika taghha fil-konfront ta' Richard Attard bhala nulla u bla effett fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad it-talbiet in esami fil-konfront ta' Tania Attard u l-konjugi Depasquale, tiddikjara illi, waqt li l-ittra ufficjali numru 8464/05 ghandha tigi konsiderata bhala valida ghal kull effett u fini fil-ligi, n-notifika ta' din l-ittra ufficjali fil-konfront ta' Ricahrd Attard ghandha tigi konsiderata bhala nulla u bla effett u ghalhekk l-istess Qorti tordna li jinhareg l-opportun kontro-mandat vis-à-vis l-istess Richard Attard, wahdu. In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura, dawn ghandhom jithallsu f'partijiet ugwali mill-konjugi Depasquale u Tania Attard.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------